MALTA

**QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)**
**BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI**

**MAGISTRAT**
**DR. CHARMAINE GALEA**

**Illum 12 ta' Lulju 2017**

**Kumpilazzjoni numru 293/17**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Doriette Cuschieri)**

**vs**

**Noel Bonello**
**(ID: 288979M)**

Il-Qorti:

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra **Noel Bonello** talli:

1. F'dawn il-Gzejjer, f'Lulju 2017 u fix-xhur u s-snin ta' qabel, b'diversi atti maghmulin fi zminijiet differenti li jiksru l-istess disposizzjoni tal-ligi u li gew maghmula b'risoluzzjoni wahda, b'mezzi kontra l-liġi jew billi għamel użu ta' ismijiet foloz jew ta' kwalifiki foloz, jew billi inqeda b'qerq ieħor, ingann, jew billi werat ħaġa b'oħra sabiex iġiegħel titwemmen l-eżistenza ta' intrapriżi foloz, jew ta' ħila, setgħa fuq ħaddieħor, jew ta' krediti immaġinarji, jew sabiex qanqal tama jew biża' dwar ġrajja kimerika, għamel

qligħ ta' aktar minn hamest elef ewro (€5,000), ghad-detriment ta' Josette Abela ID. 95977M;

2. U kif ukoll talli fl-istess perjodu, lok u cirkostanzi approprja ruhu, billi dawwar bi profit ghalih jew ghal persuna ohra, is-somma ta' aktar minn ħamest elef euro (€5,000) taht titolu illi jgib mieghu l-obbligu tar-radd tal-haga jew li jsir uzu minnha specifikat, liema somma giet fdata lilu minhabba l-professjoni, industrija, kummerc, kariga, jew servizz tieghu, ghad-detriment ta' Josette Abela ID. 95977M;

3. Aktar talli fl-istess perjodu kellu fil-pussess jew taht il-kontroll tieghu xi oggett ghall-uzu fit-twettiq jew f'konnessjoni ma' xi frodi;

4. Aktar talli fl-istess perjodu ghamel, addatta, provda jew offra li jipprovdi xi oggett meta kien jaf li dan l-oggett kien intiz jew adattat biex jintuza fit-twettiq ta' jew f'konnessjoni ma' frodi jew bl-intenzjoni li tintuza biex titwettaq frodi jew tassisti fl-ghemil ta' frodi.

Il-Qorti ġiet ġentilment mitluba wkoll sabiex f'każ ta'sejbien ta' ħtija tikkundanna lill-akkużat għal ħlas ta' spejjes li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri hekk kif ikkontemplat fl-Artikolu 533 tal-Kapitlu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Rat id-dokumenti esebiti;

Rat li l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu u kkonferma din l-ammissjoni anke wara li l-Qorti taghtu zmien jikkonsidra l-posizzjoni tieghu u wissietu dwar il-piena li tista' tigi inflitta fuqu;

Semghet it-trattazzjoni dwar il-piena.

**Ikkunsidrat:**

Illi l-imputat ammetta l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu; u ghalhekk dawn huma sodisfacjentement ippruvati b'dana illi t-tieni imputazzjoni se titqies li nghatat bhala alternattiva ghall-ewwel imputazzjoni.

Illi dwar il-piena, il-Qorti tinnota li l-ewwel imputazzjoni ggorr maghha piena sa massimu ta' disa' snin prigunerija. Illi jekk wiehed jara l-imputazzjonijiet dedotti

kontra l-imputat jekk wiehed jigi biex jikkunsidra piena din certament se taqbez is-sentejn prigunerija u ghalhekk il-Qorti ma tistghax timponi sentenza sospiza ai termini tal-Artikolu 28A tal-Kodici Kriminali. Illi l-Qorti hija konxja wkoll illi biex tpoggi lill-imputat taht ordni ta' *probation* il-piena ghar-reat li tieghu l-imputat se jinsab hati ma tridx tkun iktar minn seba' (7) snin prigunerija.

Illi l-Qorti semghet kif l-imputat huwa afflitt bil-problema tal-loghob tal-azzard u l-flus li huwa rcieva mertu ta' din il-kawza uzahom kollha biex jissodisfa l-vizzju tieghu. Il-Qorti semghet ukoll li l-imputat huwa impjegat bhala kennies u li jircievi salarju ta' madwar seba' mitt ewro (€700) fix-xahar. Illi l-imputat iddikjara wkoll illi huwa lest li joqghod ghal kwalunkwe direttiva li tista' taghtih din il-Qorti sabiex jinghata l-ghajnuna biex jeghleb il-vizzju tal-loghob, filwaqt li jaghraf li jrid jaghmel tajjeb ghall-hsara li ghamel lill-vittma Josette Abela.

Illi l-Qorti, filwaqt li hi konxja tal-gravita` tar-reati mwettqa mill-imputat u tal-pieni li jgorru maghhom, hija tal-fehma illi minhabba c-cirkostanzi partikolari ta' dan il-kaz, fost ohrajn:-

1. L-imputat huwa afflitt minn problema serja ta' loghob;
2. L-imputat ghandu impjieg u jekk jintbaghat il-habs jitlef tali impjieg bil-konsegwenza li l-vittma tista' ma tigi qatt ikkumpensata;
3. Illi l-imputat ghandu bzonn direzzjoni u gwida minn persuni professjonali biex jeghleb il-problema tal-loghob;
4. Illi l-imputat ghandu fedina prattikament netta;

huwa ghandu jibbenefika mill-*proviso* ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta u jinghata cans idawwar ir-rotta ta' hajtu u dan billi jitqieghed taht is-sorveljanza ta' ufficjal tal-*probation* u kif ukoll jinghata Ordni ta' Trattament. Naturalment l-imputat irid ukoll jaghmel tajjeb ghall-hsara kkawzata bl-agir tieghu.

**DECIDE**

Ghal dawn il-motivi, il-Qorti wara li rat l-artikoli 293, 308, 310 (1) (a), 310BA (1) u (2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, fuq ammissjoni ssib lill-imputat **Noel Bonello** hati tal-imputazzjonijiet kollha migjuba fil-konfront tieghu b'dana illi t-tieni imputazzjoni qieghda titqies bhala li nghatat in alternattiva ghall-ewwel wahda**,** u b'applikazzjoni tal-proviso ta' artikolu 7 (2) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tpoggi lill-hati taht **Ordni ta' Probation** ghal perjodu ta' tliet (3) snin

mil-lum bil-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Il-Qorti, ai termini tal-artikolu 7(7) tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta spjegat lill-hati fi kliem ordinarju l-import ta' din is-sentenza u x'jigri jekk jikkommetti reat iehor fi zmien tliet (3) snin u /jew jekk ma joqghodx ghall-ordnijiet lilu moghtija.

In oltre, l-Qorti qieghda tpoggi lill-imputat taht **Ordni ta' Trattament** ghal zmien tliet (3) snin ai termini tal-Artikolu 412D tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta u dan skond il-kundizzjonijiet elenkati fl-ordni moghtija kontestwalment, liema ordni tifforma parti integrali minn din is-sentenza.

Finalment, il-Qorti qieghda tordna lill-hati **Noel Bonello** sabiex ai termini tal-artikolu 24 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta **ihallas is-somma ta' disa' u ghoxrin elf ewro (€29,000) lill-vittma Josette Abela** (karta tal-identita` numru 95977M) f'rati mensili ta' mitejn u hamsin ewro (€250).

Il-Qorti qieghda tastjeni milli tiehu konjizzjoni tat-talba tal-Prosekuzzjoni sabiex tikkundanna lill-imputat ghall-hlas ta' spejjez ai termini tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali stante li ma jirrizultax li saru tali spejjez.

Il-Qorti tordna li kopja tas-sentenza u tal-Ordni ta' Probation u tal-Ordni ta' Trattament tigi moghtija minnufih lill-imputat u kopja ohra ghandha tigi notifikata minnufih lid-Direttur tas-Servizzi tal-Probation u Parole u lill-Agenzija Caritas sabiex ikunu jistghu jassenjaw ufficjali li jkunu responsabbli ghas-sorveljanza tal-imputat skond id-direttivi tal-istess ordnijiet.

**Dr. Charmaine Galea**
**Magistrat**

Diane Gatt
Deputat Registratur

**Komunika: Direttur, Ufficcju tal-Probation u Parole u Agenzija Caritas**